MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1355/2000/1

**MORINA AQUASPORT LIMITED**

vs

**EASTERN STAR LIMITED**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta’ Ġunju, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (i) tħassar il-kuntratt ta’ xiri-u-bejgħ ta’ żewġ vetturi tal-għamla *FAW Trucks*, reġistrati bin-numri SUB-001 u SUB-004, magħmul bejn il-kumpannija attriċi u l-kumpannija mħarrka f’Novembru tal-1997; (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tersaq għall-pratiki meħtieġa mal-awtoritajiet kompetenti għat-

trasferiment tal-imsemmija żewġ vetturi minn fuq isem il-kumpannija attriċi, u dan fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa, u bil-ħatra ta' kuraturi deputati biex jidhru għall-kumpannija mħarrka fuq l-imsemmi att ta' trasferiment f'każ li din tonqos li tersaq; (iii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka trodd lura d-depożitu tal-prezz ta' erbat elef lira Maltin (Lm 4,000)[1] mħallsin lilha mill-kumpannija attriċi fl-okkażjoni tal-imsemmi bejgħ; (iv) issib lill-kumpannija mħarrka responsabbli għad-danni mġarrbin minħabba n-nuqqasijiet u l-ħsarat li ħarġu fl-imsemmija żewġ vetturi; (v) tillikwida l-ammont ta' danni mġarrba mill-kumpannija attriċi bi ħtija tal-kumpannija mħarrka, minħabba l-imsemmija ħsarat; u (vi) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha s-somma hekk likwidata bħala danni. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-31 t'Awissu, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni dwar l-ewwel tliet talbiet waqgħet bil-preskrizzjoni skond l-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili, u li t-talbiet kollha huma irritwali u nulli għaliex ma saritx ukoll talba biex titlob id-dikjarazzjoni li l-vetturi kienu milquta minn difett moħbi jew xi kawżali oħra li bis-saħħa tagħha jista' jintalab il-ħall tal-kuntratt. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-raġunijiet imsemmija mill-kumpannija attriċi bħala kawżali ma jwasslux għall-ħall tal-kuntratt bħala rimedju, billi kull xerrej hu mistenni li jara sewwa li dak li qed jixtri jkun jgħodd għalih u għall-użu li għalih xtrah. Żiedet tiċħad li l-kumpannija attriċi reġgħet raddet lura ż-żewġ vetturi, u tgħid li kien obbligu tas-soċjeta' attriċi li tgħaddi biex tiddepożita l-istess vetturi taħt l-awtorita' tal-Qorti jekk tassew kienet temmen li l-vetturi ma kenux jgħoddu għaliha. Ċaħdet li l-vetturi kellhom ħsarat li ma kenux jissewwew jew li jagħmluhom mhux tajbin għall-għan li għalih inxtraw. Għalqet billi qalet li r-rimedju tad-danni mitlub mill-kumpannija attriċi ma jingħatax lix-xerrej fil-każ maħsub f'din il-kawża;

[1] Li jġibu € 9,317.50 fi flus tal-lum

Rat it-talba rikonvenzjonali mressqa mill-kumpannija mħarrka flimkien mal-imsemmija Nota tal-Eċċezzjonijiet li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti (a) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta tħallas is-somma ta' erbat elef tliet mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 4,325)[2] import ta' kambjala aċċettata u maturata li l-istess kumpannija attriċi rikonvenuta baqgħet ma ħallsitx, flimkien mal-imgħax fuq dik is-somma mid-data tal-iskadenza tal-kambjala fis-26 ta' Mejju, 1998, sal-jum tal-ħlas effettiv; (b) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta tħallas ukoll is-somma ta' erbat elef tliet mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 4,325) bilanċ ta' prezz tat-tieni vettura mibjugħa u konsenjata lill-istess kumpannija rikonvenuta, flimkien mal-imgħax fuq dik is-somma mill-4 ta' Ġunju, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 t'Ottubru, 2000, li biha l-kumpannija attriċi rikonvenuta laqgħet billi qalet li l-azzjoni rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta hija infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, stante li l-vetturi mertu tal-kawża in eżami kienu difettużi u mhux idoneji għax-xogħol ta' l-eċċipjenti u għalhekk kienu ġew ikkonsenjati lura lis-soċjeta' konvenuta għall-ħabta ta' Lulju, 1998;

Rat is-sentenza tagħha *in parte* tal-14 ta' Marzu, 2002[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi;

Rat is-sentenza tagħha *in parte* tad-29 ta' Mejju, 2003[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiemha jew bil-mezz tal-affidavit, u kif ukoll il-provi dokumentali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

---

[2] Li jġibu € 10,074.54 fi flus tal-lum
[3] Paġġ. 34 sa 42 tal-proċess
[4] Paġġ. 49 sa 62 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għat-tħassir ta' kuntratt ta' xiri-u-bejgħ u għall-ħlas tad-danni minħabba ħsarat li ġraw fi ħwejjeġ mixtrija (żewġ vetturi) minħabba li ma kenux tajbin għall-użu li għalihom inxtraw. Il-kumpannija attriċi tgħid li hija xtrat żewġ vetturi mingħand il-kumpannija mħarrka u, hekk kif bdiet tinqeda bihom, bdew ħerġin ħsarat li, minkejja t-tentativi ta' tiswijiet li din bdiet tagħmel fuqhom, ma swew għal xejn. Minħabba li l-vetturi baqgħu ma setgħux jintużaw għall-iskop li għalihom inxtraw, il-kumpannija attriċi riedet tagħtihom lura lill-kumpannija mħarrka u tħassar il-bejgħ, u issa qiegħda titlob il-ħlas lura tal-parti tal-prezz imħallas u kif ukoll il-ħlas tad-danni minħabba l-ħsarat u t-telf ta' użu;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet kemm b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari u kif ukoll b'oħrajn fil-mertu. Ressqet ukoll azzjoni rikonvenzjonali. Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjonijiet preliminari, laqgħet billi qalet li l-azzjoni dwar l-ewwel tliet talbiet waqgħet bil-preskrizzjoni skond l-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili, u li t-talbiet kollha huma irritwali u nulli għaliex ma saritx ukoll talba biex titlob id-dikjarazzjoni li l-vetturi kienu milquta minn difett moħbi jew xi kawżali oħra li bis-saħħa tagħha jista' jintalab il-ħall tal-kuntratt. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-raġunijiet imsemmija mill-kumpannija attriċi bħala kawżali ma jwasslux għall-ħall tal-kuntratt bħala rimedju, billi kull xerrej hu mistenni li jara sewwa li dak li qed jixtri jkun jgħodd għalih u għall-użu li għalih xtrah. Żiedet tiċħad li l-kumpannija attriċi reġgħet raddet lura ż-żewġ vetturi, u tgħid li kien obbligu tas-soċjeta' attriċi li tgħaddi biex tiddepożita l-istess vetturi taħt l-awtorita' tal-Qorti jekk tassew kienet temmen li l-vetturi ma kenux jgħoddu

għaliha. Ċaħdet li l-vetturi kellhom ħsarat li ma kenux jissewwew jew li jagħmluhom mhux tajbin għall-għan li għalih inxtraw. Għalqet billi qalet li r-rimedju tad-danni mitlub mill-kumpannija attriċi ma jingħatax lix-xerrej fil-każ maħsub f'din il-kawża;

Illi l-kumpannija mħarrka ressqet il-Kontro-Talba tagħha biex titlob il-kundanna tal-kumpannija attriċi rikonvenuta biex tħallas il-bilanċ tal-prezz taż-żewġ vetturi mixtrija liema bilanċi baqgħu ma tħallsux;

Illi l-kumpannija attriċi laqgħet għall-azzjoni rikonvenzjonali billi qalet li t-talbiet ma kinux mistħoqqa għaliex hi ma kellha tħallas xejn lill-kumpannija mħarrka rikonvenjenti;

Illi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpannija mħarrka ma ntlaqgħux b'sentenzi mogħtija għalihom minn din il-Qorti qabel illum;

Illi jifdal li l-Qorti tqis il-mertu kemm tal-azzjoni ewlenija tal-kumpannija attriċi u kif ukoll tal-kontro-talba tal-kumpannija mħarrka;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li b'kitba magħmula fis-26 ta' Novembru, 1997[5], il-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "ESL") biegħet lill-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "MAS") bis-sistema ta' bejgħ bin-nifs, vettura tal-għamla *Faw Jeifang double cab* għall-prezz ta' sitt elef u mitejn lira Maltija (Lm 6,200) u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra, fosthom li tħallset somma ta' Lm 2000 akkont tal-prezz u l-bilanċ kellu jitħallas fuq medda ta' tliet (3) snin bi ħlas kull xahar kopert b'kambjali, u bil-garanzija għal sitt xhur minn dak inhar tal-ftehim jew għall-ewwel sitt elef (6,000) mil, skond liema ċirkostanza tasal l-ewwel, u bil-patt li, matul dak iż-żmien, it-tiswijiet isiru kollha fil-*garage* ta' ESL. Dik l-għamla ta' vetturi kienet bdiet tinġieb f'Malta minn ESL dik is-sena stess[6];

[5] Dok "YY", f'paġ. 15 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Anthony Lia 27.6.2006, f'paġ. 126 tal-proċess

Illi dak inhar, MAS aċċettat kambjala favur Liaco Limited għall-valur ta' erbat elef tliet mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 4,325)[7]. Il-kambjala kienet timmatura sitt (6) xhur wara;

Illi b'kitba magħmula fit-18 ta' Frar, 1998[8], ESL biegħet lil MAS bin-nifs vettura oħra tal-għamla *Faw Jeifang*, għall-prezz ta' sitt elef lira Maltija (Lm 6,000) u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra, li kienu l-istess kundizzjonijiet miftehmin fl-okkażjoni tax-xiri tal-ewwel vettura;

Illi fil-bidu ta' Lulju, 1998[9], MAS bagħtet tgħarraf lil ESL bil-ħsarat li kienu qegħdin jinqalgħu ta' spiss fl-imsemmija żewġ vetturi, u talbitha biex tgħaddi tiġbor iż-żewġ vetturi u troddilha lura l-flus li tħallsu akkont. Fis-6 ta' Lulju, 1998[10], MAS talbet lil ESL b'ittra uffiċjali biex troddilha lura d-depożitu ta' Lm 4,000 li hija kienet ħallsitha akkont tal-prezz taż-żewġ vetturi. F'Lulju tal-1998, MAS waqqfet il-polza ta' assikurazzjoni dwar waħda mill-vetturi (SUB-004)[11]. Bejn ix-xhur ta' Lulju u Ottubru tal-1998, MAS kriet vetturi biex tkun tista' tużahom għax-xogħol tagħha minħabba li l-ebda waħda miż-żewġ vetturi mibjugħin lilha minn ESL ma kienet taħdem[12];

Illi matul iż-żmien li MAS kienet qiegħda tinqeda biż-żewġ vetturi, kien hemm drabi meta dawn waqfu jaħdmu jew ġratilhom ħsara u ESL kull darba sewwiethom bla ma talbet ħlas mingħand MAS għaliex xorta baqgħet iġġib *parts* ġodda mingħand il-manufattur Ċiniż billi t-tiswijiet saru fiż-żmien li l-garanzija kienet għadha fis-seħħ[13]. MAS żammet iż-żewġ vetturi għal madwar disa' (9) xhur. F'xi żmien mhux magħruf mill-atti, MAS ħadet waħda mill-vetturi għal darb'oħra għat-tiswija għand ESL u ma reġgħetx ġabritha lura. Ftit taż-żmien wara, ħalliet ukoll it-tieni vettura wara bieb qrib ir-remissa fejn kien isir ix-

[7] Dok "WW", f'paġ. 13 tal-proċess
[8] Dok "XX", f'paġ. 14 tal-proċess
[9] Dok "MV8", f'paġ. 80 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[11] Dok "MV9", f'paġ. 81 tal-proċess
[12] Dokti "MV1" sa "MV7", f'paġġ. 73 – 9 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Noel Bianco 27.6.2006, f'paġ. 121 tal-proċess

xogħol ta' tiswija minn ESL u wkoll ħallietha hemm, sakemm wara żmien ġabruha l-Pulizija[14];

Illi fl-20 ta' Mejju tal-1999, MAS bagħtet protest ġudizzjarju lil ESL u din irribattiet it-talbiet hemm magħmula permezz ta' kontro-protest tal-4 ta' Ġunju, 1999[15], u talbet lil MAS tħallasha l-bilanċ tal-prezz taż-żewġ vetturi li kien għadu mhux imħallas;

Illi l-kawża nfetħet f'Ġunju tal-2000;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali, issa li nqatgħu l-eċċezzjonijiet preliminari, ma hemmx dubju li dawn iduru mal-kwestjonijiet fil-mertu tal-azzjoni ewlenija u dik rikonvenzjonali. Il-kwestjoni tal-azzjoni ewlenija hija dwar jekk hemmx raġuni tajba biex MAS, bħala x-xerrej, titlob it-tħassir tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ; filwaqt li l-kwestjoni tal-mertu tal-kontro-talba huwa dwar jekk ESL jistħoqqilhiex titlob il-ħlas tal-bilanċ dovut mill-istess bejgħ li, sallum, baqa' ma tħallasx. Jekk kemm-il darba t-tweġiba dwar il-kwestjoni fit-talba ewlenija hija affermativa, isegwi li t-talbiet rikonvenzjonali ma jkunux mistħoqqa. Għalhekk, il-Qorti sejra tistħarreġ l-ewwel is-siwi tal-pretensjonijiet ta' MAS;

Illi **għal dak li jirrigwarda s-siwi tal-azzjoni ewlenija** mressqa minn MAS, hija tgħid li l-azzjoni tagħha tinbena fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni mnissla minn kuntratt kummerċjali[16]. Il-Qorti ttenni l-osservazzjonijiet magħmulin minnha fis-sentenza *in parte* tagħha tal-14 ta' Marzu, 2002[17], dwar in-natura tal-azzjoni attriċi. Il-Qorti, għalkemm marbuta li tqis il-każ li jitressaq quddiemha skond it-termini tal-azzjoni proposta u l-eċċezzjonijiet magħmula kontriha, m'hijiex miżmuma milli tidentifika n-natura eżatta tal-istess azzjoni, tlibbisha li toqogħdilha u li tiġbed "anke indipendentement mill-inizjativa tal-konvenut, il-mankanza ta' dawk l-elementi li jikkaratterizżaw l-effikaċja kostitutiva tal-pretensjoni"[18]. Minn dan joħroġ li l-

---

[14] Affidavit ta' Nicholas Farruġia 21.3.2006, f'paġ. 106 tal-proċess
[15] Dok "ZZ", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[16] Art. 117 tal-Kap 13 marbut mal-art. 1068 tal-Kap 16
[17] Ara paġġ. 40 – 2 tal-proċess
[18] P.A. PS **23.5.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mekanika Ltd vs Masco Security Services Ltd***

azzjoni magħżula minn MAS m'hijiex waħda mibnija fuq il-garanziji li jagħti l-bejjiegħ kontra d-difett mistur (*actio redhibitoria* jew *actio aestimatoria*), iżda waħda fuq il-kwalita' tal-ħaġa miftehma u kunsinnata;

Illi ma hemm l-ebda dubju li n-negozju li seħħ bejn MAS u ESL kien wieħed ta' xiri-u-bejgħ. F'dan il-każ, il-bejgħ kien magħmul bin-nifs, bil-konsegwenza li ESL kienet baqgħet is-sid tal-ħaġa mibjugħa sakemm MAS tkun ħallset il-prezz kollu, kif sewwasew jitlob il-*pactum reservati dominii* tipiku ta' din l-għamla ta' kontrattazzjoni. Dan il-patt ukoll jagħmel parti mill-kundizzjonijiet espressi fil-ftehim bejn MAS u ESL[19]. Mill-bqija, ir-riskju u t-tgawdija tal-ħaġa mixtrija għaddew f'idejn MAS hekk kif seħħ il-bejgħ;

Illi l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li jekk oġġett li l-bejjiegħ iġib ma jkunx tal-kwalita' miftehma, x-xerrej għandu l-jedd li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jilqa' l-ħaġa bi prezz imnaqqas. F'dan il-każ, il-qofol tal-ilment tal-kumpannija attriċi jikkonsisti fil-fatt li ż-żewġ vetturi li xtrat mingħand ESL ma kenux tajbin għall-għamla ta' xogħol strapazzuż li MAS kienet tiħtieġhom għalih. Minbarra dan, tgħid li l-hsarat li bdew jinqalgħu fihom sa minn ftit taż-żmien wara li nxtraw, kienu juru li l-vetturi ma kienu tajbin għal xejn;

Illi huwa stabilit sewwa li meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx dik tal-kwalita' miftehma, wieħed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju, imma ta' każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt li m'għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji[20]. Iż-żewġ azzjonijiet ma joqogħdux flimkien, u dan sewwasew minħabba l-kawżali inerenti għal kull waħda minnhom, u kif ukoll għar-rimedji partikolari mogħtija lix-xerrej taħt kull waħda[21]. Kemm hu hekk, huwa miżmum b'tagħlim dottrinali li "*l'azione della risoluzione della compravendita per difetto della qualita` della cosa venduta si inquadra nella disciplina generale dell'azione di risoluzione per inadempimento. Pertanto,*

[19] Ara Klawsola 9 tal-ftehim f'paġġ. 14 *tergo* u 15 *tergo* tal-proċess
[20] App. Ċiv. **16.2.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Hirst noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.163**) u App. Ċiv. **27.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Grima*** (Kollez. Vol: **XLI.i.341**)
[21] App. Inf. PS **20.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Apex Interiors Ltd vs Martin Camilleri***

*non ogni difetto di qualita` della cosa venduta giustifica la risoluzione del contratto, la quale dev'essere, invece, esclusa nei casi di inadempienza di scarsa importanza di difetto di qualita` tollerabile*"[22];

Illi fil-qasam tal-azzjonijiet kuntrattwali, mbagħad, jeżistu tliet għamliet ta' azzjoni miftuħa lix-xerrej: (a) l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt mill-parti l-oħra (l-azzjoni tal-annullament); (b) l-azzjoni tar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa; jew (ċ) l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 1390, fejn il-ħaġa ma tkunx tal-kwalita' miftehma. Fil-każ ta' kull waħda mill-aħħar żewġ għamliet ta' azzjoni, jekk jintlaqgħu, l-effett ikun li kollox jerġa' lura għall-istat li kien qabel il-bejgħ[23];

Illi problema li minn dejjem tqanqal f'dawn l-azzjonijiet u l-proponibbilta' tagħhom huwa dak dwar jekk il-ħaġa mixtrija kinitx konsenjata jew le. Jidher li din il-kwestjoni ġiet solvuta fis-sens li l-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tista' tirnexxi u jista' jintalab it-tħassir tal-kuntratt, ukoll jekk tkun saret il-konsenja tal-ħaġa, dment li x-xerrej ma jkunx tilef tali dritt bil-fatt tiegħu stess (per eżempju, jekk ikun biegħ il-ħaġa jew ikun biddlilha n-natura tagħha)[24] jew sakemm ma jkunx wera li qiegħed japprovaha[25]. Jidher li l-użu tal-ħaġa u l-ilment mingħajr dewmien tax-xerrej lill-bejjiegħ dwar x'ġara waqt tali użu huwa wkoll miżmum bħala element siewi biex jgħin lil wieħed jiddetermina jekk l-azzjoni taħt il-kuntratt hijiex miftuħa lix-xerrej[26];

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet juru li ż-żamma waħedha min-naħa tax-xerrej tal-ħaġa mixtrija m'hijiex ta' xkiel għas-suċċess tal-azzjoni taħt l-artikolu 1390. Kemm hu hekk, il-liġi nnifisha tipprovdi, f'waħda mill-alternativi, li x-xerrej jista' jagħżel li jżomm il-ħaġa u jitlob tnaqqis fil-prezz li bih xtraha. Iżda meta x-xerrej – bħalma qiegħda

[22] G Pescatore & C Ruperto Codice Civile Annotato (7a Ediz) paġ. 1553
[23] Ara P.A. **10.6.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.959**) u s-sentenzi u riferenzi li jinsabu fiha dwar il-kwestjoni
[24] Ara, per eżempju, P.A. GV **27.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Anastasi Ltd. vs Maresco Trading Ltd.*** (mhix pubblikata)
[25] Kumm. **7.12.1911** fil-kawża fl-ismijiet ***Diacono vs Galea*** (Kollez. Vol: **XVIII.iii.59**)
[26] Ara, per eżempju, P.A. DS **15.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Meilaq*** (mhix pubblikata)

tagħmel MAS f'din il-kawża – jagħżel li jitlob il-ħall tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, iż-żamma tal-ħaġa mixtrija twaqqa' l-azzjoni tiegħu bħala waħda improponibbli;

Illi fil-każ preżenti, jidher li MAS xtrat l-ewwel vettura f'Novembru tal-1997 u t-tieni waħda fi Frar ta' wara. Hija bdiet tressaq l-ilmenti dwar il-ħsarat li bdew jiġru għall-ħabta ta' Marzu tal-1998, jiġifieri wara li kienet ħadet konsenja tat-tieni vettura. Martin Vella jgħid li l-vetturi bdew jintużaw regolarment minn Ġunju tal-1998, meta daħal l-istaġun tas-sajf[27];

Illi fil-każ tal-lum, MAS riedet tikseb żewġ vetturi u ESL biegħetilha żewġ vetturi u xejn aktar. Il-konsenja wkoll kienet ta' żewġ vetturi u għalhekk ma jistax jingħad li f'dan il-każ jirriżulta każ ta' konsenja ta' ħaġa minflok oħra ("*aliud pro alio*"). Madankollu, l-azzjoni tax-xerrej dwar in-nuqqas fil-kwalita' miftehma tista' tirnexxi, mhux biss meta l-ħaġa konsenjata tkun għal kollox differenti minn dik miftehma jew minn dik murija fil-kampjun, iżda meta l-ħaġa kunsinnata lix-xerrej tkun nieqsa minn xi kwalita' essenzjali li tagħmilha mhix tajba għall-użu li għaliha x-xerrej ried jixtriha. Ġeneralment, il-liġi titlob li n-nuqqas tal-qbil fil-kwalita' miftehma tal-ħaġa mibjugħa jkun wieħed rilevanti u l-azzjoni ma tirnexxix fejn in-nuqqas li joħroġ ikun marġinali, jekk kemm-il darba, bih u mingħajru, x-xerrej ikun jista' jinqeda bil-ħaġa mixtrija xorta waħda jew jekk il-ħaġa tkun ta' fejda għax-xerrej minkejja dak in-nuqqas;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, hemm element partikolari li wieħed ma jistax iwarrab kif ġieb u laħaq. MAS ġabet provi li juru ż-żewġ vetturi ridithom b'rabta max-xogħol tagħha. Ix-xogħol tagħha ewlieni huwa fil-qasam tal-ġarr ta' persuni u t-tagħmir li jintuża biex jgħoddsu. Minbarra dan, il-vetturi riedu jkunu jistgħu jinsaqu fuq blat u mogħdijiet imbattma li jwasslu sa xifer il-baħar. Fuq kollox, MAS għamlitha ċara ma' ESL li l-vetturi kellhom jitħaddmu (l-aktar fix-xhur tas-sajf, meta din l-attivita' turistika tilħaq l-eqqel tagħha)

[27] Affidavit tiegħu 23.9.2004, f'paġ. 71 tal-proċess

sigħat twal u bi strapazz u f'ambjent miftuħ. Minkejja dawn it-talbiet, ESL ma żammitx lura milli taċċerta lir-rappreżentant ta' MAS li ż-żewġ vetturi li kienet qiegħda tbegħilha kienu jlaħħqu ma' dawk il-ħtiġijiet;

Illi huwa mgħallem li "*a differenza delle qualita` 'essenziali' della cosa venduta che, essendo indispensabili per l'uso cui la cosa di un determinato tipo e` normalmente destinata, obbligano il venditore, ancorche` non siano state in modo specifico dedotte in contratto, le qualita` 'promesse' che possono essere 'atipiche' se inerenti ad un uso diverso da quello che e` proprio della cosa venduta, oppure 'particolari' se inerenti ad un uso della cosa conforme alla sua destinazione ma da farsi in determinate condizioni o che richieda una determinata graduazione, obbligano il venditore soltanto se siano state dedotte in contratto, espressamente o anche per implicito*"[28];

Illi jekk wieħed jorbot dan it-tagħlim maċ-ċirkostanzi fattwali li jgħoddu għall-każ, joħroġ li MAS għamlitha ċara x'kien mistenni mill-użu tal-vetturi li hija riedet tikseb mingħand ESL u li din, bħala bejjiegħ, ma setgħetx tinjora dawn il-ħtiġijiet u fl-istess nifs tassikura lix-xerrej li l-vetturi kienu tajbin għaliha. Dawn il-ħtiġijiet tfissru u ssemmew sa minn qabel ma sar il-bejgħ, tant li l-provi juru li r-rappreżentant ta' ESL wera l-vetturi lir-rappreżentant ta' MAS wara li dan kien qallu għal liema skop MAS riedet il-vetturi. Minn dan kollu, l-Qorti tara li dawk il-ħtiġijiet kienu magħrufa u aċċettati wkoll minn ESL[29], imqar impliċitament, u wkoll jekk il-ftehim tal-bejgħ (li kien wieħed "*standard*" li ESL tuża għal kull għamla ta' vetturi li tbiegħ) dan ma jsemmihx espressament. Minbarra dan, joħroġ ukoll li dak l-użu partikolari li kellu jsir mill-vetturi ma jibqax biss element marġinali jew insinjifikanti tal-qafas kollu tal-kuntratt tal-bejgħ, iżda jieħu x-xeħta ta' element essenzjali li n-nuqqas tiegħu jnissel id-difformita' mal-kwalita' miftehma. Għalhekk, dak in-nuqqas inissel l-inadempiment kuntrattwali meħtieġ biex jagħti l-jedd lix-xerrej li jagħżel li joħroġ mill-kuntratt;

---

28 G Pescatore & C Ruperto *op. cit*, paġ. 1552
29 Xhieda ta' Anthony Lia 27.6.2006, f'paġ. 128 tal-proċess

Illi mill-provi mressqa, ħareġ li ftit taż-żmien wara li l-vetturi bdew jitħaddmu għax-xogħol li għalih inxtraw, bdew ħerġin nuqqasijiet. Dawn in-nuqqasijiet ma kenux ċkejknin: il-vetturi bdew jieqfu ħabta u sabta fit-triq waqt li jkunu qed iġorru n-nies u l-ekwipaġġi, partijiet mill-mekkaniżmu jew tagħmir bdew jinqalgħu, iġġammjar tas-sistema tal-*gears*, tnixxija tal-lubrikanti jew tal-*hydraulic* u ħwejjeġ bħal dawn[30]. Minbarra dan, iż-żewġ vetturi ddaħħlu aktar minn darba fil-garaxx ta' ESL fejn kellhom isirulhom it-tiswijiet meħtieġa u l-bdil tal-partijiet. Minkejja dan, kien jerġa' jinqala' l-istess għawġ. Ta' min jgħid li dan kollu sar matul iż-żmien li ż-żewġ vetturi kienu għadhom taħt il-garanzija;

Illi min-naħa tagħha, ESL tgħid li dak li ġralhom iż-żewġ vetturi ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwalita' miftehma iżda mal-użu (ħażin) li kien qed isir minnhom. Tisħaq li s-sewwieqa jew tekniċi ta' MAS kienu jbagħbsu mal-makni tal-vetturi u jippruvaw isewwuhom huma meta l-kuntratt kien jagħmilha ċara li kull tiswija kellha ssir minn ESL[31]. Tgħid ukoll li kien jidher li l-vetturi saritilhom ħsara għaliex MAS kienet tesponihom għar-raxx tal-baħar[32];

Illi ma kienx possibbli f'dan il-każ li l-Qorti jkollha l-fehma ta' perit tekniku biex jara u jgħid x'kienet tassew ir-raġuni jew raġunijiet għal dak li kien qed jiġri fil-vetturi. Dan minħabba li dawn intelqu għal riħhom u spiċċaw ittieħdu mill-Pulizija bla ma kien magħruf fejn setgħu jinsabu. Madankollu, wara li fliet sewwa l-provi mressqa miż-żewġ naħat, hija tasal għall-fehma li l-għamla ta' ħsarat (prattikament l-istess) li bdew ħerġin fiż-żewġ vetturi tista' tgħid sa minn meta bdew jintużaw minn MAS, juru li l-vetturi kienu neqsin minn kwalita' essenzjali mistennija fihom u li ma ħallithomx tajbin għall-użu li għalih MAS xtrathom. Minbarra dan, l-argumenti miġjuba minn ESL ma jikkonvinċux, l-aktar meta wieħed iqis li, minkejja l-allegati nuqqasijiet minn MAS u l-impjegati tagħha, hija xorta waħda aċċettat li ssewwi l-vetturi kull darba li ttieħdu

[30] Dokti "AC1" u "AC2", f'paġġ. 83 – 4 tal-proċess
[31] Xhieda ta' Noel Bianco 27.6.2006, f'paġ. 120 tal-proċess
[32] Affidavit ta' Anthony Lia 28.9 2005 f'paġ. 96 tal-proċess

għandha u saħansitra biddlet il-partijiet u ma waqqfitx il-benefiċċji tal-garanzija minkejja li kienet tqis li l-impjegati ta' MAS kienu jbagħbsu mal-makni u jippruvaw jagħmlu t-tiswijiet huma stess[33]. Ħareġ ukoll li t-tiswijiet li kien jagħmel fuq il-vetturi l-mekkanik ta' MAS kienu dawk essenzjali (jsejħilhom "ċekċik") biex il-vetturi setgħu jitwasslu għand ESL innifisha bla ma din ikollha tmur tirmonkahom minn fejn ikunu waqfu[34];

Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li MAS seħħilha turi li ż-żewġ vetturi li hija xtrat mingħand ESL ma kenux tal-kwalita' miftehma billi ma kenux tajbin għall-użu li għalih MAS kienet xtrathom;

Illi ESL tgħid li, minkejja dan, MAS xorta waħda ma tistax tirnexxi fl-azzjoni tagħha minħabba li hija baqgħet tuża l-vetturi u minħabba wkoll li naqset li tiddepożitahom taħt l-awtorita' tal-Qorti. Filwaqt li huwa minnu li MAS inqdiet biż-żewġ vetturi, l-Qorti ma jidhrilhiex li dan waħdu jippreġudika s-siwi tal-azzjoni attriċi. Ibda biex, u kif ingħad qabel, l-aċċettazzjoni tal-kunsinna tal-ħaġa mixtrija m'hijiex ta' xkiel għax-xerrej li jitlob ir-rimedju tat-tħassir tal-bejgħ jekk in-nuqqas seta' jirriżulta biss wara li l-ħaġa tibda tintuża. Fit-tieni lok, jirriżulta li beda jidher ċar li ż-żewġ vetturi ma kenux tal-kwalita' miftehma, meta bdew jintlaqtu t-tnejn mill-istess difetti u ftit żmien wara li bdew jintużaw. Fit-tielet lok, ma huwiex meħtieġ li x-xerrej li jirrifjuta l-ħaġa mixtrija jiddepożitaha tabilfors taħt l-awtorita' tal-Qorti: ir-radd lura tal-ħaġa jew ir-rifjut li jaċċettaha jfisser li dan jista' jsir ukoll billi titħalla f'idejn il-bejjiegħ jew taħt il-kontroll tiegħu. Hekk ġara f'dan il-każ: fil-każ ta' vettura minnhom, din ittieħdet għat-tiswija u tħalliet għan ESL; fil-każ tat-tieni vettura, din tħalliet wara bieb ir-remissa ta' ESL u setgħet tindokraha x'ħin u kif riedet. MAS ma kellhiex għalfejn tgħaddi għad-depożitu formali taż-żewġ vetturi b'ċedola fil-Qorti, u dan aktar u aktar meta wieħed iqis li, saż-żmien relattiv, ESL kienet għadha s-sid taż-żewġ vetturi li kienu għadhom marbuta bil-*pactum reservati dominii*;

---

[33] Xhieda ta' Nicholas Farruġia 31.1.2007, f'paġ. 140 tal-proċess
[34] Xhieda ta' Anthony Cuschieri 14.2.2008, f'paġ. 163 tal-proċess

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li **l-ewwel talba attriċi** hija tajba u sejra tilqagħha u tħassar il-bejgħ li sar taż-żewġ vetturi mixtrija minn MAS mingħand ESL. B'hekk ma ssibx li huma tajba l-eċċezzjonijiet ta' ESL fil-mertu u sejra tiċħadhom;

Illi dwar it-**tieni talba attriċi** jidher li din illum hija talba eżawrita, għaliex ma nġabux provi li ż-żewġ vetturi għadhom jgħajtu lil MAS u dan, aktar u aktar meta ħareġ li (għall-anqas fil-każ ta' waħda minnhom) ttieħdet mill-Pulizija u twarrbet miċ-ċirkolazzjoni;

Illi billi **t-tielet talba attriċi** hija konsegwenza diretta tat-tħassir tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ u hija maħsuba bħala wiehed mir-rimedji fl-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, dik it-talba sejra tintlaqa' wkoll;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-fatt li l-Qorti sabet li intwera li hemm raġuni tajba għaliex għandhom jitħassru ż-żewġ kuntratti ta' xiri-u-bejgħ taż-żewġ vetturi mertu tal-każ, dan iġib miegħu effetti fuq l-**azzjoni rikonvenzjonali tal-kumpannija mħarrka**. Minn dak li joħroġ mill-atti, jidher li fil-kontro-talba tagħha ESL titlob il-ħlas tal-bilanċ li mhux imħallas. MAS tammetti li ma ħallsitx il-prezz kollu, iżda din l-ammissjoni saret fuq ir-raġuni li MAS kellha għliex ma tħallasx dak li kien fadal. Ladarba din il-Qorti qiegħda ssib li MAS kellha raġuni tajba biex titlob it-tħassir tal-kuntratt tax-xiri-u-bejgħ, ma jifdal lebd jedd għal ESL li titlob il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz. Dan jingħad apparti l-fatt li, fejn il-kontro-talba tagħha tirrigwarda l-ħlas tal-kambjala maturata, l-Qorti tosserva li dik il-kambjala nħarġet fuq isem u favur ħaddieħor (Liaco Ltd) u mhux favur ESL u ma jidhirx li kienet ġirata favur il-kumpannija rikonvenjenti f'din il-kawża[35];

Illi għal din ir-raġuni l-azzjoni rikonvenzjonali m'hijiex sejra tintlaqa' u t-talbiet tagħha se jkunu miċħuda;

Illi jifdal li l-Qorti tqis **ir-raba', l-ħames u s-sitt talbiet attriċi**. It-talba għall-ħlas tad-danni huwa wieħed mir-

[35] Ara Dok "WW", f'paġ. 13 tal-proċess

rimedji li l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili espressament jaħseb għalih fejn ix-xerrej jagħżel li ma jżommx il-ħaġa mixtrija. Dan ir-rimedju jixxiebah ma' u huwa l-effett neċessarju kull fejn ikun hemm nuqqas ta' twettiq ta' xi rabta kuntrattwali[36];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, it-talba ta' MAS għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni hija b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-kuntratt u r-radd lura tal-parti mill-prezz imħallas. L-artikolu 1390 jitkellem dwar ir-rimedju tad-danni. Huwa magħruf li l-kelma 'danni' fl-imsemmi artikolu għandha tifsira usa' minn sempliċi radd lura tal-prezz, u dik il-kelma tinkludi wkoll ir-radd lura tal-prezz (jew parti minnu) li jkun tħallas[37]. Hemm fehmiet li juru li "*n-nozzjoni tad-danni li jippreċiża l-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili u dispożizzjonijiet oħra mxerrda f'dan l-istess Kodiċi huma intiżi għad-determinazzjoi tal-kwantum u l-forma tar-riżarċiment. Bażikament, il-funzjoni primarja ta' l-obbligazzjoni ta' dan l-istess riżarċiment hu dak tal-kompensazzjoni tal-preġudizzju li jkun ġie arrekat u r-restawr, almenu 'par equivalent', tas-sitwazzojni anteċedenti għad-danni*"[38]. Jidher li din it-tifsira tinftiehem sewwa u aktar meta wieħed jara x'tipprovdi l-liġi dwar id-dmirijiet tal-bejjiegħ meta x-xerrej għandu l-jedd li jerġa' lura mill-bejgħ[39] ;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel f'din is-sentenza, joħroġ li ESL kienet responsabbli għall-fatt li ppruvat tbiegħ vetturi lil MAS li ma kenux tal-kwalita' u tajbin għall-użu miftiehem. Dan iġib li ESL hija passibbli għall-ħlas tad-danni lil MAS. Mas uriet li, minħabba li l-vetturi kienu bil-ħsara, kellha tidħol f'nefqiet f'kiri ta' vetturi mingħand ħaddieħor biex tkun f'qagħda li tlaħħaq mat-talbiet tal-klijenti tagħha u mal-għamla ta' negozju li kienet twettaq. MAS ressqet provi ta' dawn in-nefqiet[40] li ikkonfermat li kienu għaż-żmien meta l-vetturi kienu għadhom ma ntraddewx lura lil ESL. Dawn in-nefqiet

---

[36] Artt. 1125 u 1135 tal-Kap 16
[37] App. Inf. PS **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Francica vs Luke Piscopo et***
[38] App. Inf. PS **12.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sultana et vs Ġanni Rapa et***; u ara wkoll P.A. MCH **29.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Norbert McKeon et vs Emanuele Azzopardi et*** (appellata) li ħaddmet din ir-regola f'azzjoni taħt l-art. 1390 tal-Kap 16
[39] Art. 1404 tal-Kap 16
[40] Dokti "MV1" sa "MV7", f'paġġ. 73 – 9 tal-proċess

jitilgħu għal elfejn tliet mija u ħamsa u sittin lira Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (Lm 2,365.25)[41];

Illi ESL ma ikkontestatx dawn in-nefqiet u l-istess provi kienu maħlufa minn min ressaqhom. Għalhekk, peress li l-Qorti tqis li MAS kellha tidħol għal dawn in-nefqiet sewwasew minħabba l-ħsarat li kien ikollhom il-vetturi mixtrija u sakemm dawn ma kenux qegħdin jaħdmu, allura dawn in-nefqiet jikkwalifikaw bħala dannu mġarrab li jixraq li jkun kumpensat kif trid il-liġi fl-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-imsemmija talbiet attriċi wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tħassar iż-żewġ kuntratti ta' xiri-u-bejgħ taż-żewġ vetturi tal-għamla *Faw Jeifang double cab* reġistrati SUB-001 u SUB-004 bid-dati rispettivi tas-26 ta' Novembru, 1997 u t-18 ta' Frar, 1998, billi l-imsemmija żewġ vetturi ma kemux tal-kwalita' miftehma u ma kenux tajbin għall-użu li għalih riditħom il-kumpannija attriċi;

**Tastjeni milli tqis it-tieni talba attriċi** billi l-mertu tagħha huwa eżawrit;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna lill-kumpannija mħarrka trodd lura lill-kumpannija attriċi s-somma ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 9,317.50) rappreżentanti l-akkont ta' prezz imħallas mill-kumpannija attriċi fl-okkażjoni tal-bejgħ taż-żewġ vetturi fuq imsemmija;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u ssib li l-kumpaannija mħarrka għandha tagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi meta begħitilha ż-żewġ vetturi li ma kenux tal-kwalita' miftehma;

---

[41] Li jġibu € 5,510.00 fi flus tal-lum

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' ħamest elef ħames mija u għaxar ewro (€ 5,510);

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma msemmija ta' ħamest elef ħames mija u għaxar ewro (€ 5,510) bħala danni likwidati;

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** tal-kumpannija mħarrka billi, ladarba ngħatat raġuni tajba biex jitħassru l-kuntratti ta' xixi-u-bejgħ taż-żewġ vetturi, l-istess talbiet rikonvenzjonali la huma mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tordna** li fuq is-somma ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 9,317.50) rappreżentanti l-akkont ta' prezz imħallas mill-kumpannija attriċi jgħaddi mgħax legali b'seħħ mill-15 ta' Lulju, 1998, sal-jum tal-ħlas effettiv, filwaqt li fuq is-somma ta' ħamest elef ħames mija u għaxar ewro (€ 5,510) bħala danni likwidati jibda jgħaddi mgħax legali b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża** magħduda dawk taż-żewġ sentenzi preliminari tal-14 ta' Marzu, 2002, u tad-29 ta' Mejju, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------